CHEQUE – DOKUMENT TA' KREDITU

NULLITA` TA' AZZJONI - KAWZALI

REGOLI TA' KAMBJALI

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF.

## ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 26 t'April 2001

**Kawza Numru. 13**
**Citaz. Numru. 3424/96/RCP.**

**Marlene u Emmanuel konjugi Vella**

**vs**

**Avukat Dottor Antoine Gambin u martu l-Avukatessa Dottor Nadia O'Flaherty**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-konvenuti huma debituri versu l-atturi fl-ammont ta' sebat elef disa' mija u hdax-il lira Maltin (Lm7,911.00c0) kif jirrizulta mic-cekk numru 000003 datat 9 ta' Settembru, 1996 u mahrug fuq il-Lombard Bank (Malta) Limited (Dok 'A');

Illi l-atturi sejhu diversi drabi lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ammont immsemi izda dawn baqghu inadempjenti;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u l-atturi qeghdin jannettu ma' dan l-att Affidavit ghall-iskop tal-artikoli msemmija;

L-istess atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet fuq imsemija din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-atturi bid-dispensa tas-smigh ghat-tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont ta' sebat elef disa' mija u hdax-il lira Maltija (Lm7,911.00c0) kif fuq premess.

BI-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Dicembru, 1996 u bl-imghax legali mid-9 ta' Settembru, 1996 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol 4 *et sequitur* tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti ma l-istess citazzjoni attrici

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Jannar 1997.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament u *in limine litis* jeccepixxu in-nullita` tac-citazzjoni stante li din ma tikkontjenix kawzali ghall-obligazzjoni li fuqha hu bazat il-pretensjoni tal-allegat hlas dovut, kif trid il-ligi.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-imsemmija eccezzjoni, ic-*cheque*s esebiti gew mimlija b’abbuz minn Marlene Vella fuq *cheque*s in bjank li kellu f’idejh Emmanuel Vella, in konnessjoni ma negozju komuni mal-konvenuti, u

dwar dan l-abbuz gja intalab l-intervent tal-Pulizija ghall-investigazzjoni ta' frodi da parti tal-istess atturi.

3. Illi mhux minnu ghalhekk li l-ammont pretiz fic-citazzjoni huwa dovut mill-konvenuti lill-atturi .

4. Illi subordinatament u f'kull kaz l-eccipjenti ghandhom jiehdu minnghand l-atturi is-somma ta' hamest elef u seba u disghin lira (LM5097) ghall-prestazzjonijiet professjonali rezi mill-eccipjent Dottor Antoine Gambin, spejjez u VAT, kif jidher mit-taxxa ufficjali hawn annessa mahruga mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, liema ammont ikun irid jigi kompensat ma kwalsiasi ammont li seta' qatt kien dovut lill-atturi in konnessjoni man-negozju komuni li kellhom mal-konvenuti.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 15 *et sequitur* tal-process.

Rat id-dokument esebit man-nota tal-eccezzjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 t'April 1997.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbali tas-seduti tal-10 ta' Ottubru 1997; tal-21 ta' Jannar 1998; tal-1 t'April 1998; tat-3 ta' April 1998; tad-19 ta' Gunju 1998; tat-13 ta' Jannar 1999.

Rat l-affidavits ta' l-attrici Marlene Vella, ta' l-attur Emanuel Vella u ta' Tanya Micallef.

Rat il-verbali tas-seduti tas-6 t'Ottubru 1999; tal-15 ta' Novembru 1999; tal-5 t'April 2000 fejn Dr Veronica Galea Debono pprezentat nota li biha l-avukati tal-konvenuti rrinunzjaw ghall-patrocinju taghhom; tat-12 ta' Mejju 2000; tat-13 ta' Ottubru 2000; u tat-22 ta' Novembru 2000.

Rat in-nota tal-atturi li permezz taghha pprezentaw kopja ta' ittra mibghuta mill-Avukat Dr Antoine Gambin bid-data tat-30 ta' Awissu 1999.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Frar 2001, fejn xehed Philip Saliba. Il-konvenuti msejha tlett darbiet ma dehrux. Peress li l-kawza kienet ghall-provi kollha tal-partijiet u l-konvenuti ma dehrux, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Marzu 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. IL-VERTENZA ODJERNA

Illi l-atturi fil-kawza odjerna qed jippretendu l-ammont ta' seba' t'elef, disa' mija u hdax-il lira Maltin (lm7,911) minghand il-konvenuti u dan kif jirrizulta mic-cekk esebit bhala Dok 'A' a fol 6 tal-process.

Illi min-naha taghhom il-konvenuti opponew tali talba permezz tan-nota tal-eccezzjonijiet fejn hemm diversi eccezzjonijiet li se jigu trattati fis-sentenza odjerna.

## III. L-EWWEL ECCEZZJONI

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li c-citazzjoni hi nulla stante li din ma tikkontjenix kawzali ghall-obligazzjoni li fuqha hu bazat il-pretensjoni tal-allegat hlas dovut.

Illi l-**Artikolu 156 tal-Kap 12** jipprovdi li c-citazzjoni ghandu jkun fiha:

(a) tifsir car u sewwa ta' l-oggetti u r-raguni tat-talba; u

(b) it-talba jew talbiet.

Illi tali disposizzjoni tal-ligi rceviet fil-gurisprudenza interpretazzjoni larga, fis-sens li ma giex adottat ir-

rigur li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. Hekk fis-sentenza **Av Dr Carlo Moore noe vs Perit C Falzon et** (P.A. AM – 15.12.1955) gie deciz li:

"*u ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedhiex kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jifthiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anke ridotta mid-domanda (vide Kol XXXIV-1-501; XXXIX-1-431; u XXXII-1-228)"*.

Illi l-istess inghad fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet "**Carmelo Bonnici vs Eucharistic Zammit noe**" tal-20 ta' Jannar 1986 fejn it-tifsira tal-**Art 156 (1)** giet spjegata b'dan il-mod:

*"Illi l-Art 156 (1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parte ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Art 155 (1) (illum 156 (1) tal-Kap 12) u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defugenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghadha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata".*

Illi n-ness u test importanti huwa dawk espress fil-kawza fl-ismijiet "**Emma Scicluna vs Mary Xuereb et**" (Appell – 22 ta' Mejju 1967), fejn gie osservat illi ghalkemm fic-citazzjoni l-kawzali tkun dedotta b'mod lakoniku, ic-citazzjoni ma tkunx nulla jekk il-kawzali tkun imfissra tajjeb, u sakemm ma tkunx difettuza talment li minhabba f'hekk il-konvenut jigi pregudikat ghaliex ma jkunx jista' jiddefendi ruhu. (Vide "**Dr Stefan Frendo noe vs Philip Attard noe**" – P.A. CS 19-6-1989).

Illi l-konvenuti qed isostnu li c-citazzjoni hi nulla stante li ma fihiex kawzali cara li hi l-bazi tal-azzjoni odjerna u tirreferi biss ghal cekk.

Illi l-konvenuti sostnew li cekk minnu nnifsu huwa biss mezz ta' pagament minn persuna lill-ohra, u l-emissjoni ta' cekk wahedha ma tohloqx obbligazzjoni gdida, kif inhu fil-kaz ta' kambjala. Illi inoltre` intqal li c-cekk jinhareg bhala modalita` ta' hlas ghal xi motiv, intenzjoni jew obbligazzjoni u tkun din l-intenzjoni, motiv jew obligazzjoni li tkun il-bazi guridiku tal-hlas li jkun qed isir – mhux ic-*cheque* innifsu. Kwindi wiehed ma jistax jaghmel analogiji ma kambjala u l-ezercizzju tal-*actio cambiaria*.

Illi l-atturi min-naha taghhom isostnu li fil-ligi Maltija c-cekk huwa meqjus bhala titolu ta' kreditu. Fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet "**Mikiel Farrugia vs Maggur Victor**

**Castillo noe"** (14 ta' April 1962, Vol XLVI.II.600) intqal:

"*Illi fil-verita` jinghad u jigi affermat li cheque, jekk per se` ekonomikament jirraprezenta u huwa kunsidrat dak li l-awtoritajiet in materja jsejhu xiri ta' kreditu ('purchase of a credit' – 'acquisto d'un credito'), intrinsekament mhuwiex haga' ohra hlief dokument ta' kreditu ('credit document' – 'documento rappresentante un credito presso una banca') …"*.

Illi l-atturi fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom ghamlu s-segwenti sottomissjonijiet:

"*Ic-cekk gie definit minn Ferri (Manuale di Diritto Commerciale) bhala:*

*"Un titolo di credito all'ordine o al portatore contenente l'ordine diretto ad una banca di pagare al possessore del titolo secondo la legge di circolazione la somma portata dall' assegno".*

De Semo fl-opera tieghu "Diritto Cambiario" (para 669) jghid:

"*L'assegno bancario e` un titolo cambiario, all'ordine o al portatore, letterale, formale, autonomo, astratto, contenente, l'ordine incondizionato, rivolto ad un banchiere, presso il quale l'emittente ha fondi*

*disponibili adeguati, di pagare a vista la somma che vie e` menzionata; vincolante solidalmente tutti i firmatari verso il portatore e munito di forza esecutiva.”*

Il-karatteristika li cekk huwa min-natura tieghu “astratto”. De Semo jiddeskriviha b’dan il-mod:

*“Astratto: perche` vi e` attribuita efficacia obbligatoria alla pura e semplice dichiarazione cartolare, prescindendo dalla causa guiridica che determino` l’emissione o la trascrizione del documento, e prescindendo altresi`, in ispecie dal rapporto di provvista instauratosi fra traente e trattario” (para 669).*

F’dan ir-rigward il-Professur Dr Joseph A Micallef jghid:

“*Abstract: In certain cases credit instruments are made to circulate as documents containing ‘abstract’ rights, that is a right which derives from the document itself independently of the ‘causa obligationis’ or the original contract which had given rise to it. Consequently, the credit instrument is issued even though the original contract which gave rise to it is not mentioned in the body of the document consisting the credit instruments … Not all credit instruments possess this quality of giving rise to abstact rights but*

*only those which are recognized by the law, either expressly or impliedly and such an attribute is implied in bills of exchange, promissory notes and cheques"*.

Illi l-Profs Micallef fit-trattat tieghu "*Notes on Commercial Laws – (Part II)"* jiddeskrivi li:

"*cheques are very similar in legal form to bills of exchange and, it will be seen, that many of the provisions relating to the latter are applicable to the former"*. Inoltre: "*Considered from the juridical point of view, cheques are very similar to bills of exchange. In fact, the Bills of Exchange Act, 1882, in Sec 73, defines the cheques as being 'a bill of exchange drawn on a banker payable on demand' and it prescribes further, that 'except as otherwise provided in this Part, the provisions of this Act, applicable to a bill of exchange payable on demand, apply to a cheque*.

*Substantially, therefore, the juridical nature and character of a cheque or of a draft or cheque on bankers or cashiers, as our Code terms it, is very similar to that of a bill of exchange"*. (pg 346 – 347)

Illi dan jidher li huwa l-principju li gie applikat fis-sentenza "**Michael Attard vs Grazio Meilak et**" (K. 14 ta' Dicembru 1959 – XLIII.ii.834), fejn il-Qorti sostniet li:

"*L-attur kif jidher, mhux jezercita ebda azzjoni naxxenti mic-cheque, izda dik naxxenti mill-kuntratt li kien sar bejnu u t-tabib Attard Montalto. Li l-**'Pipia'**,* fil-kumment tieghu ghall-artikolu 434 tal-Kodici tal-Kummerc Taljan (analogu ghall-artikolu 319 taghna) imur josserva illi "*oltre questa azzione cambiaria (i.e. proprja tac-cheque) puo competera all possessore la normale azzione derivante dal substrato casuale nei confronti di chi gli trasmisse il titolo come mezzo d'estenzione di una precedente obligazzione rimasta per contro insodisfatto; bastera a lui provare coi normali mezzi probatori la mancata promessa del traente di fargli pagare una somma dal trattario, perche` all traente di distruggere la presunzione che sta contro di lui. Questa azzione "ex causa" sopravive alla presunzione cambiaria, perche` la perdita dell' azzione cambiaria non puo favorire meno gli effetti di un rapporto di ordine normale, ne eliminare il substrato casuale che determino` il traente e` riconoscervi debitore emmittando il relattivo assegno bancario"*. (Trattato di Diritto Commerciale – Vol III para 1073).

Illi jrid jigi rilevat ukoll illi fil-kawza fl-ismijiet "**Daniel sive Danny Cremona noe vs Nazzareno sive Ronnie Zammit et**" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-3 ta' April 1992 il-Qorti qablet u adottat ir-rapport li ghamel Profs J A Micallef li gie appuntat

mill-Qorti. Johrog car minn dan ir-rapport illi fin-nuqqas ta' legislazzjoni *ad hoc* fuq il-materja in kwistjoni, hemm bzonn li jigu applikati l-principji legali applikabbli ghall-kambjali.

Fl-ahharnett **Giuseppe Ferri** f'*Manuale di Diritto Commerciale* jsostni li:

"*L'assegno bancario e` sottoposto allo stesso regime della cambiale tratta per quanto riguarda la validita` delle sottoscrizioni, la responsabilita` del traente e dei giranti, l'avallo, la circolazione, il pagamento, le azioni che spettano al possessore, i duplicati e l'ammortamento".* (vide Aspects of Maltese Law for Bankers) – Dr Philip Farrugia Randon.

Illi dan gie wkoll ikkonfermat fis-sentenza "**Antonie Deguara vs Walter George Wicker"** (K. (TG) 3 ta' Mejju 1955 – XXXIX.iii.853) fejn irrizulta li l-istess Qorti applikat ghac-*cheque* l-**Artikolu 184 tal-Kap 13** relattiv ghall-kambjali u wkoll ghac-*cheque* in ezami bir-rizultanza li din is-sentenza kkonfermat li f'materja ta' *cheque*s il-ligi applikabbli, fl-istat kif l-istess tinsab promurgata, hija dik il-ligi tal-Kambjali stess. ("**Enrico Sammut vs Vincenzo Falzon**" A.K. 18 t'Ottubru 1875; "**John Charles Dennison noe vs Salvatore Tonne**" – A.K. 30 ta' Novembru 1926).

Illi b'daqshekk ma jfissirx li l-istat tal-ligi huwa wiehed idejali u fl-opinjoni ta' din il-Qorti jidher li hemm bzonn li d-disposizzjonijiet dwar *cheques* jigu emendati sabiex jigu regolati *ut sic* u dan biex jittiehed in konsiderazzjoni l-izvillup ta' l-istess dokument ta' kreditu u mezz ta' pagament fiz-zmien prezenti. Nonostante dan in-nuqqas pero` l-gudikant huwa tenut li japplika l-ligi vigenti u din fl-opinjoni ta' din il-Qorti hija karatterizzata bil-gurisprudenza u duttrina inkluz l-insenjamenti fuq citati.

Illi huwa ghal dawn ir-ragunijiet fuq premessi li twassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi li l-azzjoni attrici mhix nulla minhabba nuqqas ta' kawzali, anke minhabba l-awtonomija ta' l-azzjoni odjerna minhabba li *cheque* huwa kkunsidrat ukoll bhala dokument ta' kreditu, oltre` mezz ta' pagament.

## IV. IT-TIENI ECCEZZJONI

Illi l-konvenuti eccepew ukoll illi c-cekkijiet esebiti gew mimlija b'abbuz mill-attrici fuq cekkijiet in bjank li kellu f'idejh Emanuel Vella, in konnessjoni man-negozju komuni maghhom, u dwar dan l-abbuz gia ntalab l-intervent tal-Pulizija ghall-investigazzjoni ta' frodi da parti tal-istess atturi.

Illi l-konvenuti ma gabu l-ebda prova sabiex jissostanzjaw tali eccezzjoni. Min-naha l-ohra l-atturi esebew ittra mibghuta lill-avukat taghhom minn Dr Antoine Gambin datata 30 t'Awissu 1999, cioe` wara li giet intavolata c-citazzjoni attrici fis-6 ta' Dicembru 1996. F'din l-ittra li ma gietx kontradetta, il-konvenut qed jammetti li hu debitur tal-istess atturi fejn kiteb:

"*Nitlob konferma minghandkom dwar jekk il-klijenti taghkom humiex lesti li jcedu l-pretensjonijiet taghhom fil-konfront tieghi jekk huma jircievu s-somma ta' seba' t'elef liri Maltin ghas-saldu tat-talba taghhom*".

## V. IT-TIELET ECCEZZJONI.

Illi l-konvenuti sostnew li l-ammont pretiz fic-citazzjoni m'huwiex dovut minnhom lill-atturi. Illi lanqas fuq tali eccezzjoni ma ngabu provi mill-istess konvenuti. L-atturi pero` xehdu permezz ta' affidavits, u kkonfermaw illi huma ghandhom jiehdu s-somma msemmija fic-citazzjoni minghand il-konvenuti, huma u Tanya Micallef – binthom – xehdu li c-cekk thalla taht il-bieb taghhom pero` meta marru biex isarrfuh il-Bank ma sarrafx peress illi ma kienx hemm flus iddepozitati. Dan hu kkonfermat anke mix-xhud Philip Saliba.

Tanya Micallef xehdet ukoll li l-konvenut wieghed kemm-il darba lil missierha, fil-presenza taghha, li kien ser ihallsu dawn il-flus.

## VI. <u>IR-RABA' ECCEZZJONI</u>.

Illi l-konvenuti eccepew ukoll li ghandhom jiehdu minghand l-atturi s-somma ta' hames t'elef u sebgha u disghin lira (Lm5,097) ghall-prestazzjonijiet professjonali rezi mill-konvenut, spejjez u VAT, kif jidher mit-taxxa ufficjali esebita mahruga mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, liema ammont ikun irid jigi kompensat ma kwalsiasi ammont li seta' qatt kien dovut lill-atturi in konnessjoni man-negozju komuni li kellhom maghhom.

L-atturi ddikjaraw li t-taxxa mahruga mis-Sekond' Awla fuq rikjesta tal-konvenuti qed tigi kkontestata bic-citazzjoni tat-3 ta' Gunju 1997. Illi kwindi tali kwistjoni ghadha *sub uidice* u jkun prematur jekk din il-Qorti taghti kwalunkwe decizjoni fuq jekk tali ammont hux dovut jew le.

## VII. <u>KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici,** b'dan illi:

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont ta' sebat elef disa' mija u hdax-il lira Maltija (Lm7,911.00c0).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Dicembru, 1996 u bl-imghax legali mid-9 ta' Settembru, 1996 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**26 t'April, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**26 t'April, 2001**